# QORTI TA'L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**ONOR.IMHALLEF**

**EDWINA GRIMA LL.D.**

**Seduta tat-30 ta' Settembru 2015**
**Rikors Nru 33/13**

**Saviour Camilleri**

**Vs**

**L-Awtorita ta' Malta dwar l-**

**Ambjent u l-Ippjanar**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ghal ritrattazzjoni ta' Saviour Camilleri fejn huwa ressaq talba ai termini ta'l-artikoli 811(l) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dana sabiex tigi imhassra is-sentenza moghtija minn din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta tal-4 ta' Dicembru 2013 fl-istess ismijiet u tordna ir-ritrattazzjoni tal-kawza.

Rat ir-risposta ta'l-Awtorita ritrattata.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi b'deċiżjoni ta' din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta, gie michud l-appell tal-appellanti u dan minn decizjoni moghtija mit-Tribunal ta' Revizjoni ta'l-Ambjent u l-Ippjanar fejn giet michuda l-applikazzjoni sabiex jigi issanzjonat il-bdil fl-uzu minn *ironmongery* ghal *automechanic* u xi xogolijiet ohra ta' natura strutturali fil-fond Mater Dolorosa Garage, Triq Pawlu Debono, Zebbug. Aggravat b'dina d-decizjoni huwa interpona appell mill-istess u talab lil din il-Qorti ta' revizjoni, kif diversament ippresjeduta, sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza tat-2 ta' Mejju 2013 tal-imsemmi Tribunal. Illi b'sentenza tal-4 ta' Dicembru 2013, dan l-appell gie michud u is-sentenza appellata hawn fuq imsemmija tat-Tribunal ikkonfermata meta din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta, irreteniet illi fl-ewwel lok l-ilment imqajjem mill-appellanti illi il-policy CG07 bhala raguni ghaliex l-izvilupp ghandu jigi permess qatt ma tqajjmet quddiem it-Tribunal u kwindi l-Qorti ma kellhiex jedd tissindika dan l-aggravvju, fit-tieni lok billi l-fatti kollha gew ikkunsidrati fil-mertu mit-Tribunal qabel ma wasal ghad-decizjoni tieghu, l-ilment ta'l-appellanti illi kellu jigi applikat l-istess kejl fl-applikazzjoni tieghu bhal ohrajn simili ta' persuni b'dizabilita fil-mertu ma ghandha l-ebda bazi legali gjaldarba it-Tribunal applika korrettement il-policies applikabbli ghal kaz taht il-lenti tieghu u finalment illi appell mid-decizjoni tat-Tribunal ghandu isir biss fuq punt ta' dritt u allura kwalunkwe ilment dwar apprezzament tal-provi ma huwiex permess.

Ir-rikorrenti f'din il-kawza pproceda quddiem din il-Qorti biex jitlob li s-sentenza taghha moghtija fl-4 ta' Dicembru 2013 tigi ritrattata a tenur tas-subinciz (l) ta' l-Artikolu 811 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Illi l-fatti li taw lok għall-kawża odjerna in succint isegwu:

Illi permezz ta' applikazzjoni datata 19 ta' Dicembru 2005, r-ritrattandi talab il-hrug ta' full development permit f'Mater Dolorosa Garage, Triq Pawlu Debono, Zebbug u dana:
"*to sanction change of use from ironmongery to automechanic and proposed alterations and additions to basement.*"
Dina l-applikazzjoni giet rifjutata fl-1 ta' Frar 2007 u dan essenzjalment ghaliex il-permess kien qieghed jintalab f'zona residenjzali, ma kienx hemm bizzejjed *parking space* fiz-zona ghal tali zvilupp u ukoll billi l-izvilupp ma kienx konformi mal-policy SMHO 02 South Malta Local Plan. Illi r-ritrattandi ressaq appell minn dan ir-rifjut quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni ta'l-Ambjent u l-Ippjanar, liema appell gie michud u dan peress illi gie meqjus illi l-bdil fl-uzu minn *ironmongery shop* ghal *automechanic* u l-alterazzjonijiet u zidiet fil-*basement* kienu in kontravvenzjoni tal-Policy BEN1 tal-Pjan ta' Struttura billi is-sit jinsab f'zona residenzjali f'Haz-Zebbug u ta' TRA4 minhabba n-nuqqas ta' *parking provision.* Illi ukoll il-Policy SMHO 02 tac-Central Malta Local Plan approvata f'Lulju 2006 telenka bhala wiehed mill-attitivitajiet mhux accettabbli f'zoni residenzjali, ix-xoghol ta' *mechanic*. Illi aggravat b'din id-decizjoni l-appellanti ressaq appell quddiem din il-Qorti kif diversament ipprejseduta fejn l-appell tieghu gie michud ghal motivi elenkati iktar 'il fuq.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Jinhass utili illi qabel ma l-Qorti tikkoncentra fuq il-motiv invokat ghar-ritrattazzjoni illi tissottolinea dan il-principju fundamentali li

jirregola l-interpretazzjoni tad-disposizzjonijiet kontenuti fl-istitut tar-ritrattazzjoni:-

**“Il rimedio della ritrattazione e’ ammesso soltanto nei casi tassattivamente stabbiliti dalla legge, dovendo in ogni altro caso prevalere la stabilita` del giudicato che sola puo` mettere fine alle lite” – “Giuseppe Luigi Bonnici – vs- Dottor Carlo Galea Naudi”, Appell Civili, 3 ta’ April 1922.**

Inghad, imbaghad, ukoll illi:

**“r-rimedju tar-ritrattazzjoni hu ta’ indoli straordinarja, lummeggjat dan il-karattru straordinarju bl-istorja ta’ dan l-istitut, bil-konsegwenza logika illi r-regoli li jiggovernaw l-istess istitut huma ta’ interpretazzjoni strettissima. Diversament, taht il-pretest tar-ritrattazzjoni, il-litigant sokkombent ikun jista’ jerga’ jiftah il-kawza, u b’hekk indirettament jinholoq tribunal tat-tielet istanza” – “Rev. Sacerdot Dun Giuseppe Aquilina –vs- Francesco Aquilina”, Appell Civili, 18 ta’ April 1958.**

Fis-smigh mill-gdid ta' kawza jinhtiegu zewg stadji: l-ewwel li titnehha u tithassar is-sentenza ta' qabel (*in rescindente*); wara, li jsir is-smigh mill-gdid (*in rescissorio*). Illi allura it-talba li kellha titressaq ’il quddiem f’dan l-istadju ta’ “*in resicindente*” kien biss illi titnehha u tithassar is-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta u li ghalhekk jigi ordnat is-smigh mill-gdid tal-appell.

**“Il-procedura tar-ritrattazzjoni ghandha zewg ghanijiet: fl-ewwel post, dik li thassar ghal kollox u mhux biss parzjalment sentenza li tkun saret gudikat bejn il-partijiet u dan ghal xi wahda mir-ragunijiet specifici u tassattivi msemmija mil-ligi (imsejha teknikament in rescindente); u, fit-tieni post, dik li terga' tinstama' l-kawza li s-sentenza taghha tkun thassret u li tinghata sentenza ohra mill-gdid (imsejha teknikament in rescissorio). Fi kliem iehor, l-oggett tal-ewwel fazi hu li tigi annullata s-sentenza bejn il-partijiet u dan fuq talba specifika f'dan**

**is-sens. Qabel ma l-Qorti tkun soddisfatta li sabet raguni tajba biex thassar is-sentenza ewlenija, m'ghandhiex, bhala regola, tidhol biex tqis il-mertu tal-kwestjoni maqtugha bis-sentenza li taghha jintalab it-thassir.[1]"**

Illi dan qed jigi rilevat in vista ta'l-impunjattiva sollevata mill-Awtorita ritrattata dwar in-nullita tar-rikors promotur billi fih hemm talba ukoll ghat-thassir tas-sentenza moghtija mit-Tribunal. Illi huwa minnu illi din il-Qorti ma ghandhiex is-setgha thassar is-sentenza moghtija mit-Tribunal u dan ghaliex r-rimedju ta' ritrattazzjoni jirreferi f'dan il-kaz ghal procedura fl-istadju ta' l-appell u huwa f'dan l-istadju li ghandu jigi identifikat l-izball ta' fatt li allegatament jaghti lok ghal dan ir-rimedju u mhux fl-istadju tal-gudizzju quddiem it-Tribunal. Madanakollu billi z-zewg talbiet essenzjali ghal procedura ta' ritrattazzjoni saru, m'huwiex daqstant krucjali jekk hemmx talbiet ohra li f'dan l-istadju ma jistghux jigu ikkunsidrati, imbasta z-zewg talbiet ghat-thassir u is-smigh mill-gdid tal-appell huma ben identifikabbli. Ghal dawn il-motivi il-pregudizzjali qed tigi rigettata.

Sorvolat dan l-ostakolu procedurali u stabbiliti l-principji generali li jirregolaw l-istitut ta' ritrattazzjoni, il-Qorti ser tghaddi biex tezamina l-artikolu tal-ligi li abbazi tieghu ir-ritrattandi qieghed jitlob is-smiegh mill-gdid ta' kawza li ghaddiet in gudikat.

Illi s-subinciz (l) tal-Artikolu 811 jaghti lok ghas-smiegh mill-gdid tal-kawza fil-kaz fejn is-sentenza ritrattanda kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza.

**"Mill-ezami ta' l-imsemmija dispozizzjoni tal-ligi jirrizulta illi, biex l-izball ta' fatt jaghti kawza ghar-revokazzjoni tas-sentenza, jehtieg:**

[1] Anna Cassar et vs Lawrence Attard noe et deciza PA25/09/2003

**1. Illi l-izball ikun zball materjali ta' fatt, u mhux zball ta' kriterju jew ta' interpretazzjoni;**

**2. Illi l-izball jirrizulta mill-atti u dokumenti tal-kawza, u ghalhekk hija assolutament inammissibbli l-produzzjoni ta' atti u dokumenti godda biex tigi fornita l-prova ta' l-izball;**

**3. Illi l-istess zball ikun manifest, tali, cjoe`, li jemergi mis-semplici konfront bejn id-dikjarazzjonijiet tas-sentenza u l-atti u d-dokumenti tal-kawza; b'mod li jkun jidher prodott eskluzivament mis-semplici inavvertenza tal-gudikant;**

**4. Illi l-izball ikun iddetermina d-decizjoni tal-gudikant, jigifieri illi l-istess zball ikun jikkostitwixxi l-fondament principali tas-sentenza; u ghalhekk ma jkunx hemm lok ghar-revoka tas-sentenza jekk din, ghalkemm vizjata minn zball ta' fatt manifest, tkun tista` tigi sorretta b'ragunijiet ohra indipendenti minn dik zbaljata;**

**5. Illi l-ezistenza jew l-inezistenza tal-fatt li fih manifestament ikun zbalja l-gudikant ma tkunx iffurmat punt ta' kontroversja, jigifieri punt kontradett u diskuss bejn il-partijiet li fuqu s-sentenza tkun ippronunzjat.[2]"**

Inghad: **"l'errore di fatto perche possa aprire l'adito alla ritrattazione deve risultare dagli atti e dei documenti della causa, e deve essere un errore materiale, intuitivo, risultante dal semplice confronto delle dichiarazioni della sentenza cogli atti e coi documenti e non relativo ai criteri o caretteri coi quali il fatto e` stato appreso dal giudicante … … L'errore di fatto deve inoltre trovarsi in rapporto di casualita` colla decisione, ed e` necessario che il fatto non abbia formato un punto contraverso e deciso colla sentenza impugnata". (Vol XXIV pI p609 u Vol XXVII pI p433)**

[2] Robert Yates noe vs Anthony sive Tony Aquilina deciza App.Sup. 16/02/2004

**F' Palmar Limited vs Victor Ciantar (**App Ċiv 77/1998/2**)** imbagħad ġie ritenut:

**"Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-izball, fil-kaz biss li d-decizjoni tkun ibbazata fuq is-supposizzjoni ta' xi fatt li l-verita` tieghu tkun bla ebda dubju eskluza, jew fuq is-supposizzjoni li ma jezistix xi fatt, li l-verita` tieghu tkun stabbilita pozittivament, basta li, fil-kaz il-wiehed u l-iehor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun gie deciz bis-sentenza.**

Għal din il-Qorti zball konsimili, kif rikjest mil-ligi, u kif definit u interpretat fid-dottrina u l-gurisprudenza ma huwiex ravvizat fil-fattispecje ta' dan il-kaz. Dan ghaliex l-ilment imressaq mir-ritrattandi fil-konfront tad-decizjoni ta' din il-Qorti kif diversament ippresjeduta hija illi din naqqset milli tindirizza l-aggravvju minnha imressaq dwar in-nuqqas ta' apprezzament maghmul mit-Tribunal tal-Policy CG07 ghaliex fil-fehma taghha dan il-punt ta' kontroversja qatt ma tqajjem quddiem it-Tribunal u kwindi bhala qorti ta' revizjoni kienet prekluza milli tissindika dan l-aggravvju. Illi dan ma huwiex l-izball li ghalih jirreferi l-artikolu 811(l) billi l-Qorti ma ibbazatx id-decizjoni taghha fuq xi fatt stabbilit in prim'istanza izda fuq punt ta' kontroversja dwar l-applikabbilita' o meno ta' Policy li ma giex allegatament ikkunsidrat mit-Tribunal. Dak li qed jipprova jaghmel ir-ritrattandi f'dan il-kaz huwa li juza lil din il-Qorti bhala qorti tat-tielet istanza sabiex jigi ikkunsidrat mill-gdid aggravvju minnu imressaq u li gie rigettat minn din il-Qorti kif diversament ipprejsduta fuq konsiderazzjonijiet purament ta' natura legali. Ir-ritrattandi jargumenta illi ghalkemm il-Policy CG07 qatt ma gie ikkowtat esplicitament quddiem it-Tribunal, madanakollu il-Policy SMHO 02 li kien wiehed minn dawk kontesi quddiem it-Tribunal huwa riproduzzjoni *verbatim* in parti tal-hames rekwiziti tal-Policy CG 07 u kwindi bil-poteri lilu moghti bil-ligi it-Tribunal kellu jissindika dak stabbilit f'din il-Policy

ghalkemm mhux indikata mill-partijiet. Fil-fehma tieghu allura l-istess kellha taghmel il-Qorti ta'l-Appell fir-revizjoni taghha tad-decizjoni moghtija mit-Tribunal billi tirrimanda l-atti lura lit-Tribunal sabiex tigi ikkunsidrata dina l-policy. Illi dan il-punt ta' kontroversja madanakollu ma jista qatt jinwkadra ruhu fid-dettami tal-ligi stabbiliti fl-artikolu 811(l). Inghad:

**"Illi, fuq kollox, l-iżball li għalih tirreferi din id-dispożizzjoni jrid ikun wieħed ta' fatt. Kemm hu hekk, dan huwa li jagħraf smigħ mill-ġdid ta' kawża fuq din id-dispożizzjoni minn smigħ mill-ġdid ta' kawża taħt il-paragrafu (*e*) tal-artikolu 811, li jirreferi għal żball ta' liġi. Għal dan il-għan, l-iżball ta' fatt li jagħti lok għar-ritrattazzjoni jrid ikun wieħed materjali, manifest u jirriżulta mill-atti infushom, għaliex mhux imħolli li jitressqu provi biex jippruvaw tali żball. Minbarra dan, <u>l-iżball ma jridx ikun relattiv għall-kriterji jew karattri li bihom il-fatt ikun ġie jew seta' ġie mifhum mill-ġudikant li ta s-sentenza li qiegħed jintalab it-tħassir tagħha, għaliex dan m'huwiex żball li joħroġ mill-atti imma fis-sewwa konvinċiment insindakabbli tal-ġudikant</u>.[3]"**

Illi il-Qorti tinnota ukoll illi dan l-allegat zball akkampat bhala motiv ghar-ritrattazzjoni kien punt illi lanqas gie sollevat fl-aggravvji imressqa mir-ritrattandi ghad-decizjoni tat-Tribunal. Minn qari ta'l-istess aggravvju, il-fatt illi din il-policy CG 07 kienet riproduzzjoni tal-Policy SMHO 02 li fuqha ibbaza id-*decide* tieghu it-Tribunal ma tissemma imkien u kwindi din il-Qorti kif diversament ippresjeduta ma setghet qatt titratta dan il-punt ta' kontroversja jekk l-istess qatt ma gie sollevat quddiemha fl-impunjattiva ghad-decizjoni appellata. Illi l-istess konsiderazzjonijiet japplikaw ghat-tieni mottiv imressaq bhala bazi ghall-allegat zball fejn ir-ritrattandi jallega illi s-sentenza impunjata kienet ukoll zbaljata meta il-Qorti iddeciediet li ma kenitx il-*forum* adattat fejn jigi indirizzat l-ilment tar-ritrattandi illi huwa kien ircieva trattament

---

[3] *Ibid*

differenti minn dak ta' applikazzjoni identika ghal tieghu maghmula minn persuna ohra. Illi l-Qorti ukoll hawn tara illi l-artikolu 811(l) ma isib l-ebda applikazzjoni billi dan ma huwiex rizultat ta' xi zball izda ta' konsiderazzjonijiet fil-mertu.

**"Il-gurisprudenza taghna dejjem ghallmet li r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wiehed straordinarju, inkwantu jikkostitwixxi deroga ghall-principju fondamentali li l-gudikat jikkostitwixxi l-ligi bejn il-kontendenti u dan indipendentement mill-fatt jekk dak il-gudikat jirrispekkjax kompletament il-verita` jew il-gustizzja. Ir-Rumani kienu jesprimu dan il-kuncett bil-massima *res iudicata pro veritate habetur*. Minn dan titnissel il-konsegwenza taghha li r-regoli li jirregolaw dan l-istitut tar-ritrattazzjoni huma ta' interpretazzjoni strettissima. Diversament, taht il-pretest tar-ritrattazzjoni, il-litigant sokkombent ikun jista' jerga' jiftah il-kawza u b'hekk, indirettament johloq ghalih tribunal tat-tielet istanza li mhix permessa mil-ligi.[4]"**

Ghal dawn il-motivi t-talbiet tar-ritrattandi qed jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

(ft) Edwina Grima
Imhallef.
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur

[4]Sammut Julian Et Noe Vs Mizzi Marlene Sive Mary Et AppSup 30/06/2003